**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Ottubru, 2017**

**Talba Nru: 120/2017PM**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Agius Tiodolica u b'digriet datat 11 t'April, 2017 giet kjamata fil-kawza Denise Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-ghaxra (10) ta' Marzu, 2017 illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u seba' euros u sitta u disghin centezmi (€1607.96) in kwantu ghal tmien mija u erbgha u disghin Ewro u tlettax-il centezmu (€894.13) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40565548 u in kwantu ghas-somma ta' seba' mija u tlettax-il euro u tlieta u tmenin centezmi (€713.83) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40565644 bl-ispejjez u drittijiet inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1198/16 u bl-imghaxijiet legali sa mit-28

ta' Gunju, 2016 data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-istess konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba inkluza kopja tal-ittra ufficjali surreferita (fol. 9 tal-process), liema ittra jirrizulta li giet notifikata lill-intimata Agius fil-15 ta' Lulju, 2016 u wkoll tal-prokura allegatament sottoskritta mill-intimata a favur tal-kjamata fil-kawza Denise Camilleri accettanti (fol. 5 tal-process).

Ra r-risposta tal-intimata Agius li permezz taghha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li hi m'ghandha thallas l-ebda ammont allegatament pendenti dwar kuntratt ta' *Bundle Agreement (Home Pack)* u kif ukoll ghall-kuntratt ta' telefon cellular mas-socjeta` Mobisle Communications Limited bin-numru 79992400
2. Illi inoltre u minghajr pregudizzu ghas-suespost, l-eccipjenti qatt ma awtorizzat lil Denise Camilleri ossija l-persuna li ffirmat l-imsemmija kuntratti mas-socjeta` attrici sabiex tiffirma f'isem l-istess eccipjenti ghal dawn l-imsemmija kuntratti mas-socjeta` attrici u dan stante li z-zewg firem li hemm fuq iz-zewg prokuri annessi mal-kuntratti in dezamina m'humiex tal-eccipjenti.
3. Ghaldaqstant l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'hijiex il-legittimu kutradittur f'din l-odjerna kawza.
4. Illi minghajr pregudizzju ghal dak hawn premess, l-eccipjenti tirrileva illi, in vista tal-premess, il-hlas mitlub mis-socjeta` attrici ghandu jithallas minn Denise Camilleri stante li hija unikament responsabbli ghal dan il-hlas hekk kif mitlub mis-socjeta` attrici. Illi ghalhekk, in vista tal-premess, ghandha tigi kjamata in kawza l-imsemmija Denise Camilleri, bil-karta tal-identita` numru 0550484(M) u bl-indirizz 'Leabon', Flat 1, Triq tal-Barrani, Hal-Tarxien u dan sabiex tirrispondi direttament ghat-talbiet tas-socjeta` attrici; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li permezz tal-verbal datat 11 t'April, 2017 fuq talba tal-intimata mhux opposta mis-socjeta` attrici it-Tribunal ordna s-sejha fil-kawza ta' Denise Camilleri prezenti fl-awla u li tat ruhha b'notifikata bl-avviz tat-talba.

Ra li l-imsemmija Denise Camilleri jirrizulta li kienet diga` giet notifikata bl-avviz tat-talba fit-30 ta' Marzu, 2017.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici u x-xhieda tal-kjamata fil-kawza moghtija fis-seduta tal-11 t'April, 2017.

Ra li permezz tax-xhieda taghha il-kjamata fil-kawza ikkonfermat li hi kienet taf li ma setghetx taghmel kuntratt fuqha u kien ghalhekk li hi ghamlet uzu mill-prokura tal-intimata sabiex tkun tista` ggib kuntratt minghand is-socjeta` attrici "*u dan peress li kont diga` pruvajt ingib kuntratt fuq ismi u s-socjeta` attrici rrifjutat li ttini dan il-kuntratt.*"

Ra li b'referenza ghall-prokura a fol. 5 tal-process l-istess imsejha fil-kawza xehdet li "*Teodolica Agius ma kinitx iffirmat dan id-dokument*"

Ra li l-istess imsejha fil-kawza, ghalkemm iddikjarat li m'hijiex f'posizzjoni li thallas l-ammont mitlub kollu f'daqqa kienet disposta li tasal f'arrangjament sabiex tissalda l-ammont mitlub permezz ta' pagamenti rateali.

Ra li l-kawza giet differita ghall-probabbli transazzjoni.

Ra li fis-seduta sussegwenti tat-13 ta' Gunju, 2017 la dehret l-intimata u lanqas l-imsejha fil-kawza.

Ra illi fl-istess seduta xehdet ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici li kkonfermat li la l-intimata u lanqas l-imsejha fil-kawza ma wettqu ebda pagament fil-mori

Ra li l-kawza giet differita ghat-28 ta' Gunju ghall-provi kollha tal-partijiet u li waqt tali seduta Dr. Keith Grech ghas-socjeta` attrici ikkonferma li fil-mori kien sar pagament ta' hamsin euro (€50) u konsegwentement giet prezentata n-nota ta' riduzzjoni

fejn jinsab dikjarat li l-bilanc rimanenti jammonta ghal elf, hames mija u sebgha u hamsin euro u sitta u disghin centezmi (€1557.96).

Ra li waqt l-istess seduta, il-kjamata fil-kawza giet avzata mit-Tribunal bid-dritt taghha li tappunta avukat tal-fiducja taghha sabiex jassistiha f'dawn il-proceduri imma hija ddikjarat li m'hijiex bi hsiebha tqabbad avukat u se taffetwa pagamenti lis-socjeta` attrici. Hija infurmat ukoll lit-Tribunal li ma kellhiex problema sabiex tirritorna l-*equipment* proprjeta` tas-socjeta` attrici li kien jinsab fil-pussess taghha u dana fil-mori tad-differiment.

Ra li t-Tribunal rega ddifferixxa l-kawza sabiex il-partijiet ikunu jistghu jattwaw il-ftehim milhuq.

Ra li, madanakollu waqt is-seduta sussegwenti tat- 2 t'Ottubru, 2017 dehru biss ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici li kkonfermaw li l-ammont bilancjali surreferit ghandu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-imsejjha fil-kawza ghazlet li f'dawn il-proceduri la tqabbad avukat u lanqas tressaq ir-risposta taghha. Fis-seduta tal-11 t'April, 2017 u kif ukoll fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2017 ikkonfermat li hi kienet bi hsiebha twettaq pagamenti rateali sabiex tissalda l-ammont mitlub li hi accettat li kien dovut minnha wara li hi, skont ix-xhieda taghha stess, kienet ottjeniet ftehim mas-socjeta` attrici meta hi stess kienet taf li ma setghetx totjeni ftehim f'isimha personalment. Sabiex taghmel dan hija adoperat prokura moghtija lilha mill-intimata li fi kliemha stess ma kenitx giet iffirmata mill-intimata. Madanakollu huwa car li d-dokument li jinsab ezebit in atti a fol. 5 u 7 tal-process jinkludi firma li tirreferi ghall-istess intimata.

Illi fil-mori ta-kawza irrizulta li mis-somma mitluba gie imwettaq biss pagament wiehed ta' hamsin euro (€50) u kwindi il-bilanc rimanenti ammontanti ghal elf, hames

mija u sebgha u hamsin euro u sitta u disghin centezmi (€1557.96) ghadu sal-gurnata tal-lum dovut, dan minkejja dak mistqarr mill-kjamata fil-kawza fis-seduti tal-11 t'April, 2017 u tat-28 ta' Gunju, 2017.

Illi l-intimata baqghet ma xehditx f'dawn il-proceduri.

Illi jirrizulta car mix-xhieda tal-istess Denise Camilleri li din wettqet pjan sabiex tkun tista' totjeni kuntratt minghand is-socjeta` attrici meta hija stess kienet taf li personalment ma setghet qatt tottjeni l-istess f'isimha. L-intimata stess baqghet qatt ma xehdet dwar l-involviment o meno taghha f'dan il-pjan u cioe` jekk dan sarx bi ftehim maghha jew ad insaputa taghha. Lanqas ma jirrizulta li l-intimata min-naha taghha hadet xi azzjoni sabiex twaqqaf jew tannulla l-effetti tal-prokura ezebita u permezz ta' liema jidher li l-kjamata fil-kawza kienet qed tinghata l-awtorita` sabiex tirrapprezentaha, dan minkejja li anke qabel dawn il-proceduri hija giet notifikata b'ittra ufficjali interpellatorja mahruga mis-socjeta` attrici. Minkejja dak ivverbalizzat waqt is-seduti tal-11 t'April, 2017 u tat-28 ta' Gunju, 2017 pagamenti rateali baqghu qatt ma gew imwettqin, salv ghal pagament wiehed ta' hamsin euro (€50).

Tenut kont tas-surreferit it-Tribunal ihoss illi ghandu jikkundanna kemm lill-intimata u kif ukoll lill-kjamata fil-kawza 'in solidum' bejniethom sabiex iwettqu il-pagament tas-somma bilancjali u dana ghaliex, filwaqt li huwa car li l-kjamata fil-kawza uzat il-prokura a vantagg taghha u bbenefikat mis-servizz moghti mis-socjeta` attrici a nom tal-intimata, it-Tribunal m'huwiex konvint li dan kollu sar minghajr il-kunsens jew l-akkwejixxenza tal-istess intimata u dan ghaliex, kif inghad, l-intimata la xehdet f'dawn il-proceduri u lanqas jirrizulta li hadet xi azzjoni min-naha taghha sabiex tittutela l-posizzjoni taghha fir-rigward tal-kjamata fil-kawza li skont hi, iffalsifikat il-firma taghha.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici billi filwaqt li jikkundanna lill-intimata u lill-kjamata fil-kawza *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu s-somma bilancjali ta' elf, hames mija u sebgha u hamsin euro u sitta u disghin centezmi

(€1557.96) bl-ispejjez u drittijiet inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1198/16 u bl-imghaxijiet legali sa mit-28 ta’ Gunju, 2016 data tal-prezenta tal-imsemmija ittra ufficjali.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**